MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tal-15 ta' April, 2009

Appell Kriminali Numru. 177/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Mario Barnett**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Mario Barnett, bin Paul u Doris nee Borg, imwieled fl-1/1/1966, detentur tal-karta ta’ l-identita` nru 5466(m), talli fit-30 ta’ Jannar 2008 ghall-habta tad-9.30 ta’ filghodu, gewwa Triq il-Mosta, San Pawl il-Bahar, hedded lil martu Odette Rosaria Farrugia bi kliem;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-2 ta’ Gunju 2008 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Mario Barnett hati skond l-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu, ikkundannatu xahar detenzjoni, u rabtitu b’garanzija ghal sena taht penali ta’ hames mitt

euro (€500) li jzomm il-kwiet ma’ l-istess Odette Farrugia u jzomm il-bon-ordni pubbliku ma’ kulhadd;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Mario Barnett, minnu pprezentat fis-6 ta’ Gunju 2008, li permezz tieghu talab ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza jew, alternattivament, ir-riforma taghha kwantu ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi fid-diversi udjenzi; semghet lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

Din il-Qorti tibda biex tosserva li kien biss fit-30 ta’ Jannar 2009 li l-appellant, sa fl-ahhar, gie notifikat bl-avviz tas-smigh ta’ l-appell minnu interpost, u l-ewwel udjenza ta’ dan l-appell inzammet fis-27 ta’ Frar 2009. Wara li xehdet Odette Farrugia – li l-Qorti tippreciza ma hix mart l-appellant izda hi u l-appellant ghandhom zewgt itfal mir-relazzjoni ta’ bejniethom – l-appellant, permezz tad-difensur tieghu l-Avukat Dott. Ian Farrugia, irtira l-ewwel zewg aggravji fir-rikors ta’ appell tieghu, cioe` dawk bin-numri 1 u 2. Fl-imsemmija udjenza xehed ukoll, min jeddu, l-appellant, u dan prattikament ammetta l-imputazzjoni. Din il-Qorti, wara li fissritlu l-gravita` ta’ dak li ghamel u wara li hadet in konsiderazzjoni l-fatt li Odette Farrugia kienet propensa li tahfirlu basta li, kif qalet hi, ma jibqax jagixxi ta’ tifel zghir, aggornat il-kaz ghall-20 ta’ Marzu 2009 biex terga’ tisma’ lil Farrugia u tara jekk ikunx hemm zi zviluppi pozittivi.

Effettivament meta regghet iddeponiet Odette Farrugia fl-20 ta’ Marzu 2009 hija fissret li r-relazzjonijiet ta’ bejniethom kienu kkalmaw hafna u l-appellant kien qed ikun anke regolari (fejn qabel ma kienx) f’dak li hu access ghat-tfal komuni taghhom.

L-appellant zamm ferm l-aggravju numru 3 u dak numru 4. L-aggravju numru 3 hu, bazikament, fis-sens li ma kienx hemm provi sodisfacenti li a bazi taghhom l-ewwel qorti kellha ssib htija kif effettivament sabet. Din il-Qorti, wara li, kif inghad, semghet kemm lil Odette Farrugia kif ukoll lill-appellant, issib li dana l-aggravju hu nfondat. L-ewwel

qorti kienet perfettament korretta fis-sejbien taghha ta' htija.

L-aggravju l-iehor hu dwar il-piena. Din il-Qorti tista' tifhem il-preokkupazzjoni ta' l-ewwel qorti meta rriskontrat bhala fatt theddida mill-appellant lill-imsemmija Farrugia li huwa kien ser joqtolha. Din il-Qorti, izda, hija konvinta, li dan il-kliem inghad f'mument ta' rabja meta, kif stqarret l-istess Farrugia, l-appellant ghal darb'ohra gab ruhhu ta' tifel zghir flok ta' ragel matur. Farrugia, pero`, trid xi forma ta' assigurazzjoni li l-appellant ihalliha bi kwieta, issa li r-relazzjoni ta' bejniethom intemmet. Din il-Qorti tifhem ukoll li l-appellant issa rrealizza l-izball tieghu fil-mod kif kien qed igib ruhu ma' l-imsemmija Farrugia, u dan anke fir-rigward tal-kwistjoni tal-access ghat-tfal komuni, tfal li din il-Qorti hi konvinta li t-tnejn li huma (l-appellant u Odette Farrugia) verament ihobbu. Kif jghid Virgilju fl-Eneide (IV, 853): *parcere subiectis et debellare superbos*. Fic-cirkostanzi, ghalhekk, din il-Qorti, flok tibghat lill-appellant il-habs ghal xahar, kif ordnat l-ewwel qorti, ser tpoggieh taht *probation* ghall-periodu ta' tmintax-il xahar mil-lum. Il-Qorti – ghall-finijiet tal-Artikolu 7(7) tal-Kap. 446 – spjegat fi kliem car (anzi bl-Ingliz, biex zgur l-appellant jifhem, stante li hu ghazel li jiddeponi bl-Ingliz) l-effett ta' dan l-ordni u tal-htiega addizzjonali li fih, u nnutat li l-istess appellant fisser li huwa lest li joqghod ghal dan l-ordni.

Ghall-motivi premessi, wara li din il-Qorti rat l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap 9 u l-Artikolu 7 tal-Kap. 446, tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha biss f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-Mario Barnett ghall-piena ta' xahar detenzjoni, u minflok taghmel l-Ordni ta' *Probation* infraskritt u li ghandu jitqies li jifforma parti integrali minn din is-sentenza; u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija. Il-periodu ta' sena ghall-fini tal-garanzija skond l-Art. 383 tal-Kap. 9 jibda jiddekorri mil-lum.

**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**S.T.O. Prim Imhallef Vincent A. De Gaetano**

**ORDNI TA' *PROBATION* -- ARTIKOLU 7, KAP.446**

**Illum, 15 ta' April,2009.**

**Il-Qorti:**

**Billi Mario Barnett, bin Paul u Doris nee Borg, detentur tal-karta ta' l-identita` nru 5466(m), u residenti nru 18 Triq Santa Rita, Sliema (hawn taht imsemmi "probationer") gie misjub hati kif indikat fis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-2 ta' Gunju, 2008 fl-ismijiet *Il-Pulizija (Spettur Sandro Camilleri) v. Mario Barnett*, kif modifikata bis-sentenza moghtija llum minn din il-Qorti fl-ismijiet *Il-Pulizija v. Mario Barnett* fl-appell numru 177/08;**

**Wara li kkunsidrat – anke tenut kont ta' dak li jinghad fil-paragrafi (b) u (c) tas-subratikolu (2) tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 – li jkun xieraq li jsir dana l-Ordni ta' *Probation*;**

**U wara li fissret bi kliem car l-effetti ta' dana l-Ordni lill-*probationer*, inkluza l-htiega mizjuda skond is-subartikolu (3) tal-imsemmi Artikolu 7, u nnutat li l-istess *probationer* wera li jrid ihares il-htiega tal-istess Ordni;**

**Tordna li l-*probationer* jitqieghed taht is-sorveljanza ta' Ufficjal tal-*Probation* ghal zmien ta' tmintax-il xahar mill-lum b'din il-htiega:**

**1. li matul dan il-periodu l-*probationer* igib ruhhu tajjeb u joqghod ghad-direttivi kollha tal-Ufficjal tal-*Probation*, izomm kuntatt regolari ma' l-imsemmi Ufficjal tal-*Probation* u jaghtih/jaghtiha kull informazzjoni li huwa jigi mitlub dwar l-access ghat-tfal komuni tieghu u ta' Odette Farrugia, kif ukoll kull informazzjoni dwar ir-relazzjoni tieghu ma' l-istess Farrugia;**

**Tordna li kopja ta' dana l-Ordni jigi minnufih konsenjat lill-*probationer* kif ukoll li kopja tigi komunikata lid-Direttur tas-Servizzi ta' *Probation* skond is-subartikolu (8) tal-Artikolu 7 imsemmi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------